

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

*Il-Kummissjoni toħroġ ordni ta' rkupru għall-benefiċċju tal-Fond kontra l-parteċipant. Il-Kummissjoni tista' tadotta għal dak il-għan deċiżjoni dwar l-irkupru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.*

**4. L-ammonti rkuprati mill-Fond matul is-Seba' Programm ta' Qafas jikkostitwixxu dħul assenjat lil fit-tifsira ta' l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju.**

*Ladarba l-implimentazzjoni ta' l-għotjiet kollha taħt is-Seba' Programm ta' Qafas tkun kompluta, kwalunkwe somma li tibqa' mill-Fond tkun irkuprata mill-Kummissjoni u tiddaħħal fil-baġit tal-Komunità, soġġetta għal deċiżjonijiet dwar it-Tmien Programm ta' Qafas.*

P6\_TA(2006)0518

### **Il-programm speċifiku “In-Nies” (Is-Seba' Programm ta' Qafas RTDD, 2007-2013)\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm speċifiku “In-Nies” li jimplementa s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivajiet ta' dimostrazzjoni (COM(2005)0442 — C6-0383/2005 — 2005/0187(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0442) <sup>(1)</sup> u l-proposta emendata (COM(2005)0442/2) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 166 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0383/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġit, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0360/2006),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
2. Jikkunsidra li l-ammont indikattiv ta' referenza finanzjarja indikattiva fil-proposta leġislattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu tat-ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju għall-2007-2013 u jirrimarka li l-ammont annwali jkun deċiż fil-proċedura baġitarja annwali skond id-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-Ftehma Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 <sup>(2)</sup>;
3. Jstieden lill-Kummissjoni sabiex tibdel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

<sup>(1)</sup> Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurma lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

## EMENDI TAL-PARLAMENT

## Emenda 1

## Premessa 4

(4) Il-Programm ta' Qafas jimxi id fid ma' l-attivitajiet imwettqa mill-Istati Membri, kif ukoll ma' azzjonijiet oħra Komunitarji li huma meħtieġa għall-isforz strateġiku globali u għat-tweqqiq tal-miri ta' Liżbona, b'mod partikolari flimkien ma' dawk dwar il-fondi strutturali, l-agrikoltura, l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kompetittività u l-innovazzjoni, l-industrija, is-saħħa, il-ħarsien tal-konsumatur, ix-xogħol, l-enerġija, it-trasport u l-ambjent.

(4) Il-Programm ta' Qafas *għandu jikkomplementa* l-attivitajiet imwettqa fl-Istati Membri, kif ukoll l-azzjonijiet oħra Komunitarji li huma meħtieġa għall-isforz strateġiku ġenerali għall-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi ta' Liżbona, b'mod partikolari flimkien ma' dawk dwar il-fondi strutturali, l-agrikoltura, l-edukazzjoni, it-taħriġ ***tul il-ħajja***, il-kompetittività? u l-innovazzjoni, ***l-impjiegi, l-opportunitajiet ugwali u t-trattament ugwali, il-kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol***, l-industrija, is-saħħa, il-ħarsien tal-konsumatur, *l-impjiegi*, l-enerġija, it-trasport u l-ambjent.

## Emenda 2

## Premessa 7

(7) ***Id-dimensjoni internazzjonali hija parti fundamentali tar-riżorsi umani fir-riċerka*** u l-iżvilupp fl-Ewropa. Kif previst fl-Artikolu 170 tat-Trattat, dan il-programm huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li jkunu kkonkludew il-ftehimiet meħtieġa għal dan l-iskop, u huwa miftuħ ukoll flivell ta' proġett, u fuq il-bażi ta' fejda reċiproka, għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet minn pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-kooperazzjoni xjentifika. Barra minn hekk, l-azzjonijiet kollha, kif ukoll azzjonijiet iddedikati f'dan il-programm speċifiku huma miftuħa għar-riċerkaturi individwali minn pajjiżi terzi.

(7) ***Il-koperazzjoni u l-esperjenza internazzjonali miksuba minn riċerkaturi huma fundamentalment importanti għar-riċerka*** u l-iżvilupp fl-Ewropa. Kif previst fl-Artikolu 170 tat-Trattat, dan il-programm speċifiku huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li jkunu kkonkludew il-ftehim meħtieġa għal dan l-għan, u huwa miftuħ ukoll flivell ta' proġett, u fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku, għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet minn pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-koperazzjoni xjentifika. Barra minn hekk, l-azzjonijiet kollha, kif ukoll azzjonijiet iddedikati f'dan il-programm speċifiku huma miftuħa *għall-parteċipazzjoni*, ***mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni***, ta' riċerkaturi individwali minn pajjiżi terzi ***u ta' riċerkaturi Ewropej li jgħixu barra. Għal dan il-għan, għandhom isiru sforzi biex jitħaffef ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali li nkisbu f'pajjiżi terzi. L-adozzjoni ta' politika li tipprovdi inċentivi m'għandhiex tkun ffukata biss fuq il-ħlas ta' riċerkaturi imma wkoll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.***

## Emenda 3

## Premessa 8

(8) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa fi ħdan il-programm għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali, inklużi dawk li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(8) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa fi ħdan il-programm għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali, inklużi dawk li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, ***bħalma huma l-integrità? tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-possibiltà? li jkunu rikoniċijati l-familja u l-ħajja professjonali, u għandhom jikkonfermaw mill-ġdid il-valur ċiviku u umanistiku tar-riċerka, filwaqt li tkun rispettata d-diversità? etika u kulturali.***

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 4

Premessa 9

(9) Il-Programm ta' Qafas għandu jikkontribwixxi lejn il-pro-mozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

(9) Il-Programm ta' Qafas **għandu** jikkontribwixxi lejn il-pro-mozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Emenda 5

Premessa 9a (ġdida)

**(9a) Il-Programm ta' Qafas għandu jinkoraġġixxi lin-nies biex jistudjaw ix-xjenza, l-iktar billi jikkonvinċi lin-nisa biex jidħlu fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija.**

Emenda 6

Premessa 10a (ġdida)

**(10a) Biex ikunu simplifikati s-sejħiet għal proposti u biex jitnaqqsu l-ispejjeż, il-Kummissjoni għandha twaqqaf "data-base" bħala rekwiżit minn qabel biex jiġu infurmati parteċipanti fis-sejħiet għal proposti.**

Emenda 7

Premessa 11

(11) Miżuri xierqa għandhom ukoll jittieħdu sabiex ma jkunx hemm irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod inkorrett skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstipula regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u kull emenda fil-ġejjieni. Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet imwettqa fuq il-post mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra u r-Regolament (KE) Nru 1074/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

(11) Miżuri xierqa għandhom ukoll jittieħdu **biex l-ewwelnett tiġi mmonitorjata l-effettività? tal-finanzjament mogħti u t-tieni l-effettività? ta' l-użu ta' dawn il-fondi**, sabiex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod inkorrett skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u kull emenda fil-ġejjieni. Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet imwettqa fuq il-post mill-Kummissjoni sabiex **tħares** l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra u r-Regolament (KE) Nru 1074/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Emenda 8

Premessa 13

(13) Fl-implimentazzjoni tal-programm, trid tingħata attenzjoni xierqa lill-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll, inter alia, **il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-trasparenza tal-proċessi ta' reklutaġġ, u l-iżvilupp tal-karriera fir-rigward tar-**

(13) Fl-implimentazzjoni **ta' dan il-programm**, trid tingħata attenzjoni xierqa lill-integrazzjoni **tas-sessi**, kif ukoll, inter alia, **il-kundizzjonijiet tax-xogħol, għal miżuri biex ikunu rikonċiljati l-ħajja familjari u tax-xogħol, inklużi pereżempju "fel-**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

## EMENDI TAL-PARLAMENT

riċerkaturi mqabba għal proġetti u programmi ffinazjati taħt l-azzjonijiet ta' dan il-programm, li għalih ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea tar-Riċerkaturi u Kodiċi ta' Mgħiba għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi joffru qafas ta' referenza.

**lowships part-time**", it-trasparenza tal-proċessi ta' reklutaġġ, u l-iżvilupp tal-karriera fir-rigward tar-riċerkaturi imjegati għal proġetti u programmi ffinazjati taħt l-azzjonijiet ta' dan il-programm, li għalih ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea tar-Riċerkaturi u Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi joffru qafas ta' referenza.

## Emenda 9

## Premessa 14

(14) Il-programm **huwa konformi ma' u jirfed l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri ta'** l-istrateġija integrata dwar ir-riżorsi umani fir-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa fuq il-bażi ta' "Strateġija ta' Mobilità għall-ERA" u "ir-Riċerkaturi fl-ERA/ŽRE: professjoni waħda, bosta karrieri, kif ukoll iqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riżorsi umani fl-R&D tat-18 ta' April 2005.

(14) **Dan il-programm huwa f'konformita' ma' l-għanijiet li joħloq Żona Ewropea ta' Riċerka ġenwina kif stabbilit** fl-istrateġija integrata dwar ir-riżorsi umani fir-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa fuq il-bażi ta' "Strateġija ta' Mobilità għall-ERA" u "ir-Riċerkaturi fl-ERA: professjoni waħda, bosta karrieri, kif ukoll iqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riżorsi umani fl-R&D tat-18 ta' April 2005.

**L-Istati Membri huma mistiedna japplikaw il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi sabiex tinholq Żona Ewropea ta' Riċerka ġenwina.**

## Emenda 10

## Premessa 14a (ġdida)

(14a) **Dan il-programm għandu l-għan li jżid ir-riċerka tal-bneidem u l-potenzjal ta' żvilupp fl-Ewropa kemm mil-lat ta' kwalità kif ukoll ta' kwantità, parzjalment billi tkun rikonoxxuta l-'professjoni' ta' riċerkatur. Din tiffavorixxi iż-żamma ta' eċċellenza fir-riċerka bażika u l-iżvilupp organiku tar-riċerka teknoloġika, u tinkoraġġixxi l-mobilità ta' riċerkaturi Ewropej mill-Ewropa u madwar l-Ewropa kollha. Barra minn hekk, din tgħin biex tippovdi l-kundizzjonijiet xierqa sabiex tattira l-aħjar riċerkaturi barranin biex iwettqu r-riċerka tagħhom fl-Ewropa.**

## Emenda 11

## Artikolu 2, paragrafu 1

Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġja l-attivitajiet għal "Nies", filwaqt li jsaħħaħ, sew mill-lat tal-kwantità kif ukoll minn dak tal-kwalità, il-potenzjal uman fir-riċerka u fit-teknoloġija fl-Ewropa. Sejrin jissaħħu l-attivitajiet li jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karrieri tar-riċerkaturi, li jissejħu azzjonijiet "Marie Curie", permezz ta' konċentrazzjoni akbar fuq l-aspetti ewlenin ta' l-iżvilupp tal-ħiliet u fuq it-tisħiħ tal-konnessjonijiet mas-sistemi nazzjonali.

Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġja l-attivitajiet għal "Nies", **u jinkoraġġixxi lin-nies biex jieħdu karriera bħala riċerkaturi** filwaqt li jsaħħaħ, sew mill-lat tal-kwantità kif ukoll minn dak tal-kwalità, il-potenzjal uman, **u speċjalment dak femminili**, fir-riċerka u fit-teknoloġija fl-Ewropa, **filwaqt li jiżgura aċċess ugwali għall-irġiel u n-nisa u jagħti attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet ta' riċerkaturi b'diżabilità?** Dawn l-attivitajiet li jappoġġaw it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karrieri tar-riċerkaturi, imsemmija bħala l-"azzjonijiet Marie Curie", se jissaħħu permezz ta' konċentrazzjoni akbar fuq l-aspetti ewlenin ta' l-iżvilupp tal-ħiliet u tal-karriera u t-tisħiħ tar-rabtiet mas-sistemi nazzjonali.

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 12

Artikolu 3, paragrafi 1 a, 1 b u 1 c (ġodda)

**Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi kollha neċessarji biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jiġu mwettqa b'mod effettiv u konformi mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.**

**In-nefqa amministrattiva totali tal-Programm Speċifiku, inkluża n-nefqa interna u ta' l-immaniġġjar għall-aġenzija eżekuttiva li hemm proposta li se titwaqqaf, għandha tkun proporzjonali għall-attivitajiet imwettqa skond il-Programm Speċifiku u hija suġġetta għad-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi.**

**Approprjazzjonijiet tal-baġit għandhom jintużaw skond il-prinċipju ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda, b'mod partikolari skond il-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività, kif ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità.**

Emenda 13

Artikolu 4, paragrafu 1

1. L-attivitajiet kollha ta' riċerka eżegwiti taħt il-Programm Speċifiku għandhom jitħaddmu f'konformità ma' prinċipji etiċi fundamentali.

1. L-attivitajiet kollha ta' riċerka mwettqa taħt il-Programm Speċifiku għandhom jitwettqu skond il-prinċipji etiċi fundamentali **u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.**

Emenda 14

Artikolu 4, paragrafu 3

3. L-oqsma li ġejjin m'għandhomx jiġu ffinanzjati taħt dan il-programm:

- **attivitajiet ta' riċerka li mhumiex ipprojbiti fl-Istati Membri kollha**
- **attivitajiet ta' riċerka li se jitwettqu fi Stat Membru fejn din ir-riċerka hija pprojbita.**

3. L-oqsma **ta' riċerka** li ġejjin m'għandhomx jiġu ffinanzjati taħt dan il-programm:

- **attività ta' riċerka mmirata lejn il-klonazzjoni ta' embrijoni umani,**
- **attività ta' riċerka maħsuba biex timmodifika l-wirt ġenetiku tal-bniedem li tista' twassal biex dawn il-bidliet ikunu jistgħu jintirtu,**
- **attività ta' riċerka maħsuba biex toħloq embrijoni umani għal skopijiet ta' riċerka biss jew għall-iskop ta' akkwist ta' ċellula staminali u ta' attivita? ta' riċerka li tuża ċelluli minn dawn l-embrijoni.**

Emenda 15

Artikolu 5a (ġdid)

Artikolu 5a

**Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi informazzjoni minn qabel lill-awtorità tal-baġit kull meta jkollha l-ħsieb li titbiegħed mill-analiżi statistika ta' l-infiq iddikjarata fir-rimarki u fl-anness tal-baġit annwali ta' l-Unjoni Ewropea.**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

## Emenda 16

## Artikolu 6, paragrafu 1

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm ta' hidmagħall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku, li juri aktar fid-dettall l-għanijiet u l-prijoritajiet xjentifiċi u teknoloġiċi kif jinsabu fl-Anness I, l-iskema tal-finanzjament li se tintuża għat-tema li dwarha qed issir stedina għall-proposti, u l-iskeda ta' l-implimentazzjoni.

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku, li juri f'aktar dettall l-għanijiet u l-prijoritajiet xjentifiċi u teknoloġiċi *stabbiliti* fl-Anness, l-iskema ta' finanzjament li se tintuża għat-tema li dwarha qed issir stedina għall-proposti, u l-iskeda ta' *żmien għall-implimentazzjoni*. **Dan il-programm ta' ħidma għandu jfittex li jissimplifika l-proċeduri tal-Programm ta' Qafas u jipprovwovi t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet li qed isiru taħt il-Programm ta' Qafas.**

## Emenda 17

## Artikolu 6, paragrafu 2

2. Il-programm ta' ħidma għandu jqis l-attivitajiet ta' riċerka pertinenti mwettqa mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-organizzazzjoniet Ewropej u internazzjonali. Dan għandu jkun aġġornat fejn ikun hemm bżonn.

2. Il-programm ta' ħidma għandu jqis l-attivitajiet ta' riċerka *relevanti*, **it-taħriġ tar-riċerkaturi u l-iżvilupp tal-karriera** mwettqa mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-organizzazzjoniet Ewropej u internazzjonali, **flimkien ma' kwalunkwe kontribuzzjoni antiċipata, f'termini ta' valur miżjud Ewropew, l-impatt mistenni fuq il-kompetittività? industrijali, u r-relazzjoni tal-programm ma' linji politiċi Komunitarji oħra.** Dan għandu jkun aġġornat fejn xieraq.

## Emenda 18

## Artikolu 6, paragrafu 3

3. **Il-programm ta' gidma se jispeċifika l-kriterji li bihom se jiġu evalwati il-proposti għall-azzjonijiet indiretti taħt l-iskema ta' finanzjament u li bihom se jintgħażlu l-proġetti. Il-kriterji se jkunu dwak li jivvaltaw aspetti kwalitattivi ta' min qed jipproponi (riċerkaturi/organizzazzjonijiet) u l-potenzjal tagħhom għal aktar progress inkluż, fejn xieraq, il-kapaċità ta' l-implimentazzjoni tagħhom. il-kwalità ta' l-attività proposta fit-taħriġ xjentifiku u/jew fit-trasferiment ta' termini ta' għarfien; il-valur miżjud Komunitarju u l-effett strutturanti ta' l-attività proposta f'termini ta' kontribuzzjoni lejn l-għanijiet tal-programm speċifiku u tal-Programm ta' Ħidma. Il-kriterji u kull piż jew limitu-għatba għall-kejl jistgħu jiġu speċifikati aktar jew ikkumplementati fil-programm ta' ħidma.**

3. Se jiġu evalwati il-proposti għall-azzjonijiet indiretti taħt l-iskema ta' finanzjament u l-proġetti magħżula **filwaqt li jitqiesu l-prinċipji li ġejjin:**

- *eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;*
- *kif il-proġett jirrelata ma' l-oġettivi tal-Programm Speċifiku;*
- *il-kalibru u l-kapaċità ta' implimentazzjoni ta' min jipproponi (riċerkaturi/organizzazzjonijiet) u l-potenzjal tagħhom għal aktar progress;*
- *l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel;*
- *il-kwalità ta' l-attività proposta f'termini ta' taħriġ xjentifiku u/jew oġettivi ta' trasferiment ta' għarfien.*

**F'dan ir-rigward, il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika f'aktar dettall il-kriterji ta' l-evalwazzjoni u ta' l-għażla u jista' jżid aktar rekwiżiti, enfasi, u limiti.**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 7, paragrafu 2

2. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8(2) għandha tapplika għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 6 (1).

2. Il-proċedura **ta' tmexxija** stabbilita fl-Artikolu 8(2) għandha tapplika għall-adozzjoni tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 6(1).

Emenda 20

Artikolu 8, paragrafu 4

4. Il-perjodu previst fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

4. Il-perjodu previst **fl-Artikolu 4(3) u 5(6)** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

Emenda 21

Artikolu 8, paragrafu 5

5. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat regolament dwar il-progress ġenerali ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u għandha **tipprovdih** b'taġhrif dwar kull azzjoni RTD ffinanzjata taħt dan il-programm.

5. Il-Kummissjoni għandha *tinforma* lill-Kumitat, **u lill-kumitat responsabbli fi ħdan il-Parlament Ewropew**, regolament dwar il-progress ġenerali ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u għandha **tipprovdihom** bl-informazzjoni dwar kull azzjoni RTD ffinanzjata taħt dan il-programm.

Emenda 22

Artikolu 8, paragrafu 5a (ġdid)

**5a. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jkun fih evalwazzjoni ta' kemm huwa sod l-immaniġġjar finanzjarju u evalwazzjoni ta' l-effiċjenza u r-regolarità ta' l-immaniġġjar baġitarju u ekonomiku ta' dan il-programm.**

Emenda 23

Artikolu 8a (ġdid)

**Artikolu 8a**

**Il-Kummissjoni għandha tissottometti din id-Deċiżjoni u rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku lill-korpi kompetenti għal reviżjoni f'temp ta' żmien suffiċjenti sabiex ikun żgurat li l-proċedura għall-modifikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tista' tintemm sa l-aħħar ta' l-2010.**

Emenda 24

Artikolu 8b (ġdid)

**Artikolu 8b**

**Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni indipendenti kif stipulati fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Qafas rigward l-attivitajiet imwettqa fl-oqsma koperti minn dan il-Programm Speċifiku.**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

## Emenda 25

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 1

**Wieħed mill-vantaġġi ewlenin ta' kompetizzjoni** fix-xjenza u t-teknoloġija **hija l-kwantità u l-kwalità tar-riżorsi umani f'dan il-qasam.** Bħala premessa għat-tkabbir fil-kapaċità u l-prestazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u għal konsolidazzjoni u iktar żvilupp fiż-Żona ta' Riċerka Ewropea, l-għan globali ta' dan il-programm huwa li jrendi l-Ewropa iktar attraenti għar-riċerkaturi. Dan se jsir billi jinkiseb effett ta' struttura konsiderevoli madwar l-Ewropa kollha fuq l-organizzazzjoni, l-prestazzjoni u l-kwalità tar-riċerka ta' l-istħarriġ, fuq l-iżvilupp attiv tal-karriera tar-riċerkaturi, fuq it-taqsim ta' l-għarfien mar-riċerkaturi kollha bejn is-setturi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, **u fuq il-parteċipazzjoni qawwija fir-riċerka u l-iżvilupp min-nisa.**

**Ir-riżorsi umani huma ta' importanza kbira biex tiżied il-kompetittività? u l-iżvilupp ibbażati fuq l-għarfien** fix-xjenza u t-teknoloġija. **Il-fatt li hemm ħafna xjentisti ta' kalibru għoli jagħti lill-Ewropa xejra kompetittiva.** Bħala premessa għat-tkabbir fil-kapaċità u l-prestazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u għal konsolidazzjoni u iktar żvilupp fiż-Żona ta' Riċerka Ewropea, l-għan globali ta' dan il-programm huwa, **inter alia, it-titjib kostanti ta' ċentri ta' riċerka ta' l-universita?**, li jrendi l-Ewropa iktar attraenti għar-riċerkaturi. Dan se jsir billi jinkiseb effett ta' struttura konsiderevoli madwar l-Ewropa kollha fuq l-organizzazzjoni, l-prestazzjoni u l-kwalità tar-riċerka ta' l-istħarriġ, fuq l-iżvilupp attiv tal-karriera tar-riċerkaturi, fuq it-taqsim ta' l-għarfien bejn ir-riċerkaturi kollha u bejn is-setturi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, **u jkunu mħeġġa prattiki li jinvolvu l-moviment mill-akkademja għall-industrija u fid-direzzjoni l-opposta, u fuq l-iżvilupp attiv tal-karriera tar-riċerkaturi, b'referenza partikulari għall-parteċipazzjoni min-nisa u riċerkaturi li għadhom żgħar fir-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt li tkun promossa r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja.**

## Emenda 26

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 2

Il-programm se jiġi implimentat permezz ta' investimenti sistematiki fin-nies, prinċipalment permezz ta' sett koerenti ta' l-"Azzjonijiet Marie Curie", **li jindirizza** r-riċerkaturi f'termini tal-ħiliet tagħhom u l-iżvilupp ta' kompetenza f'kull stadju tal-karriera tagħhom, mit-taħriġ inizjali tar-riċerka għall-iżvilupp **tal-karriera** u t-taħriġ għal ħajja kollha. Il-mobilità, kemm transnazzjonali u kemm intersettorjali, ir-rikonoxximent ta' l-esperjenzi miksuba fl-oqsma u l-pajjiżi differenti, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati huma l-elementi ewlenin matul l-"Azzjonijiet Marie Curie".

**Ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi għandhom jitqiesu fil-programm li se jiġi implimentat** permezz ta' investiment sistematiku fin-nies, prinċipalment permezz ta' sett koerenti ta' "Azzjonijiet Marie Curie", **b'referenza partikulari għall-valur miżjud Ewropew li dawn se jiġġeneraw bħala effett ta' strukturazzjoni fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka.** Dawn l-azzjonijiet jindirizzaw riċerkaturi f'termini tal-ħiliet tagħhom u l-iżvilupp ta' kompetenza f'kull stadju tal-karriera tagħhom, mit-taħriġ inizjali tar-riċerka għall-iżvilupp **professjonali** u t-taħriġ tul il-ħajja kollha **fis-settur pubbliku u privat.** Il-mobilità, kemm transnazzjonali u kemm intersettorjali, **li hija ċentrali għal dan il-programm,** ir-rikonoxximent ta' esperjenza miksuba fl-oqsma u l-pajjiżi differenti, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, **f'termini kemm ta' l-indipendenza tar-riċerka, il-konformita? tal-ħlas ma' l-aqwa standards internazzjonali, u attenzjoni akbar għal benessri u l-assigurazzjoni,** huma elementi ewlenin matul l-"Azzjonijiet Marie Curie".

**Fl-aħħarnett, sabiex il-mobilita? tar-riċerkaturi fl-Unjoni Ewropea tiġi promossa, huwa neċessarju li jibdedw jittieħdu miżuri biex il-kundizzjonijiet tat-taxxa għar-riċerkaturi jiġu armonizzati.**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 27

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 3a (ġdid)

**Jista' jingħata wkoll appoġġ għal pozzizzjonijiet ta' wara d-dot-torati għal riċerkaturi mill-Istati Membri l-ġodda biex jippar-teċipaw fit-twaqqif ta' gruppi ta' riċerka stabbiliti fi Stati Membri oħra.**

Emenda 28

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 4

**Parteċipazzjoni qawwija** mill-intrapriżi, inklużi l-SMEs, hija kkunsidrata bħala valur miżjud kruċjali għal dan il-programm. Matul l-"Azzjonijiet Marie Curie" t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja marbut mat-taħriġ għar-riċerka, l-iżvilupp tal-karriera u t-taqsim ta' l-għarfien huwa mħeġġeġ, filwaqt li azzjoni ddedikata tindirizza s-sħubija u r-rotot ta' l-industrija u l-akkademja.

**Il-parteċipazzjoni** mill-intrapriżi, inklużi l-SMEs, hija kkunsidrata bħala valur miżjud kruċjali għal dan il-programm. Matul l-"Azzjonijiet Marie Curie" t-titjib tal-koperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja marbut mat-taħriġ għar-riċerka, l-iżvilupp tal-karriera u t-taqsim ta' l-għarfien huwa mħeġġeġ, filwaqt li azzjoni ddedikata tindirizza s-sħubija u r-rotot ta' l-industrija u l-akkademja. **Huwa neċessarju li l-liberta? akkademika tal-ħaddiema tar-riċerka tkun preservata skond l-arranġamenti ta' koperazzjoni bejn l-industrija u l-universitajiet.**

Emenda 29

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 4a (ġdid)

**Fil-kuntest ta' "l-Azzjonijiet Marie Curie", għandha tingħata attenzjoni partikulari għall-ħarsien u l-qsim ta' proprjeta? intellettwali, u dawn ikunu żgurati permezz ta' klawżoli ta' kuntratt adegwati li jipproteġu r-riċerkatur individwali, meta r-riċerka tirriżulta fi brevett biex tiġu prodotta merkanzija mqiegħda fis-suq.**

Emenda 30

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 5

Id-dimensjoni internazzjonali, bħala komponent fundamentali tar-riżorsi umani fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa, se tiġi indirizzata fit-termini ta' l-iżvilupp fil-karriera, ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz tar-riċerkaturi, kif ukoll l-attrazzjoni ta' l-aħjar talenti fir-riċerka lejn l-Ewropa. Id-dimensjoni internazzjonali se tkun inkorporata matul l-"Azzjonijiet Marie Curie" u ma' dan, se tkun suġġetta wkoll għall-azzjonijiet awtonomi.

Id-dimensjoni internazzjonali, bħala komponent fundamentali tar-riżorsi umani fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa, se tiġi indirizzata fit-termini ta' l-iżvilupp fil-karriera, **kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, kif ukoll għat-tisħiħ tal-koperazzjoni internazzjonali permezz tar-riċerkaturi, kif ukoll l-attrazzjoni ta' l-aħjar talenti fir-riċerka lejn l-Ewropa, billi jiġu pprovduti inċentivi adegwati għal dan il-għan.** Id-dimensjoni internazzjonali se tkun inkorporata matul l-"Azzjonijiet Marie Curie" u ma' dan, se tkun suġġetta wkoll għall-azzjonijiet awtonomi.

Emenda 31

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 6

Se jitqiesu l-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-ugwaljanza tassessi kif jixraq. Il-mira tal-programm huwa li jiżgura, billi jit-ħeġġu l-opportunitajiet ugwali għall-irġiel u n-nisa fl-"Azzjonijiet Marie Curie" kollha, u billi jiġu stabbiliti parametri għall-parteċipazzjoni tax-xjenzjati miż-żewġ sessi (mira ta' mill-inqas 40 % parteċipazzjoni min-nisa). Barra minn hekk, l-azzjonijiet se jifasslu b'mod li jiżguraw li r-riċerkaturi jistgħu jiksibu bilanċ xieraq ta' xogħol/ħajja **u li jgħinu biex titħaffef it-tkomplija ta'**

Se jitqiesu l-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-ugwaljanza bejn is-sessi kif jixraq. Il-mira tal-programm huwa li jiżgura, billi jit-ħeġġu l-opportunitajiet ugwali għall-irġiel u n-nisa fl-"Azzjonijiet Marie Curie" kollha, u billi jiġu stabbiliti parametri għall-parteċipazzjoni tax-xjenzjati miż-żewġ sessi (mira ta' mill-inqas 40 % parteċipazzjoni min-nisa). Barra minn hekk, l-azzjonijiet se jifasslu b'mod li **jneħħu l-ostakoli għall-mobilita? u**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

## EMENDI TAL-PARLAMENT

karriera fir-riċerka wara pawża. Barra minn hekk, kunsiderazzjonijiet ta' l-aspetti etiċi, soċjali, legali u l-aspetti kulturali aktar ġenerali tar-riċerka li tkun ser titwettaq u l-applikazzjonijiet potenzjali tagħha, kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi ta' l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku u l-għarfien tal-ġejjieni, fejn ikun xieraq, se jiġu indirizzati taħt dan il-programm speċifiku.

**biex** jiżguraw li r-riċerkaturi jistgħu jiksbu bilanċ xieraq ta' xogħol/ħajja, **billi jipprovdu inċentivi xierqa biex jassistu lill-familji tagħhom u biex jgħinu lir-riċerkaturi jsibu xogħol permanenti jew li jkomplu** karriera fir-riċerka wara waqfien. Barra minn hekk, kunsiderazzjonijiet ta' l-aspetti etiċi, soċjali, legali u l-aspetti kulturali aktar ġenerali tar-riċerka li tkun ser titwettaq u l-applikazzjonijiet potenzjali tagħha, kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi ta' l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku u l-għarfien tal-ġejjieni, fejn ikun xieraq, se jiġu indirizzati taħt dan il-programm speċifiku.

## Emenda 32

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 7

Sabiex tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' l-Ewropa biex ssir iktar attraenti għar-riċerkaturi, l-"Azzjonijiet Marie Curie" se toħloq sinerġiji konkreti ma' l-azzjonijiet **l-oħra** kemm fi ħdan il-qafas tal-politika Komunitarja tar-riċerka, kif ukoll fi ħdan l-azzjonijiet taħt politiki Komunitarji oħra, **eż. dwar** l-edukazzjoni, il-koeżjoni u l-impjeg. It-tali sinerġiji se jiġu segwiti anke b'azzjonijiet li jsiru flivelli nazzjonali u internazzjonali.

Sabiex tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' l-Ewropa biex ssir iktar attraenti għar-riċerkaturi, l-"Azzjonijiet Marie Curie" se toħloq sinerġiji konkreti ma' l-azzjonijiet kemm fi ħdan il-qafas tal-politika Komunitarja tar-riċerka, kif ukoll fi ħdan l-azzjonijiet taħt politiki Komunitarji oħra, **filwaqt li jkun żgurat li l-integrazzjoni tas-sessi jiġi inkluża f'oqsma bħall-** edukazzjoni, il-koeżjoni u l-impjeg. Tali sinerġiji se jiġu segwiti anke b'azzjonijiet li jsiru flivelli **reġjonali**, nazzjonali u internazzjonali, **speċifikament bil-ħsieb li tinkiseb koeżjoni reġjonali filwaqt li jitqies il-bżonn għal reġjuni anqas żviluppati li jattiraw riċerkaturi sabiex jgħinuhom jilhqgħu l-istrateġiji tagħhom għall-iżvilupp fit-tul jew f'perjodu medju.**

## Emenda 33

Anness, Introduzzjoni, paragrafu 7a (ġdid)

**Se jkun essenzjali li jissaħħu r-rabtiet bejn ir-riċerka u r-riforma ta' l-universita? u l-proċess ta' konverġenza (il-'Proċess ta' Bologna') sabiex tiġi mħeġġa l-mobilita? tal-ħaddiema ta' riċerka u jkun żgurat li din ma twassalx għal sistema mfassla biss biex tiżgura t-tlestija mgħaġġla ta' l-istudji ta' l-universita? a skapitu ta' esperjenza barra mill-pajjiż.**

## Emenda 34

Anness, Attivitajiet, Taħriġ inizzjali tar-riċerkaturi, paragrafu 1

L-azzjoni tiffinanzja t-taħriġ inizzjali tar-riċerkaturi, tipikament **maħsuba għall-ewwel** erba' snin fil-karrieri **tar-riċerkaturi**, u jekk tinħtieġ, sena addizzjonali, biex jtkompla it-taħriġ inizzjali. Permezz ta' mekkaniżmu ta' netwerking transnazzjonali, immirat għall-istruttura ta' parti sostanzjali mill-kapaċità fit-taħriġ ta' riċerka inizzjali ta' kwalità għolja madwar l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati kemm fil-qasam pubbliku kif ukoll f'dak privat, l-azzjoni timmira li ttejjeb il-prospettivi tal-karrieri tar-riċerkaturi fiż-żewġ setturi, u b'hekk tikber l-attrazzjoni **għar-riċerkaturi** żgħar għal karrieri fir-riċerka.

L-azzjoni **tappoġġja** t-taħriġ inizzjali tar-riċerkaturi, **li** tipikament **huwa ta'** erba' snin (**ekwivalenti għal "full-time"**) tal-karrieri **tagħhom**, u jekk ikun **meħtieġ**, sena addizzjonali, biex **jitlesti** t-taħriġ inizzjali. Permezz ta' mekkaniżmu ta' netwerking transnazzjonali, immirat għall-istrutturazzjoni ta' parti sostanzjali mill-kapaċità fit-taħriġ ta' riċerka inizzjali ta' kwalità għolja madwar l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati kemm fil-qasam pubbliku kif ukoll f'dak privat, l-azzjoni timmira li ttejjeb il-prospettivi tal-karrieri tar-riċerkaturi fiż-żewġ setturi, u b'hekk **ittejjeb** l-attrazzjoni **taż-żgħażaġh** għal karrieri ta' riċerka.

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 35

*Anness, Attivitajiet, Tahrìg inizzjali tar-riċerkaturi, paragrafu 3*

Il-programm ta' tahrìg konġunt għandu jkun koerenti fit-termini ta' standards ta' kwalità, b'arranġamenti xierqa sabiex jipprovdi superviżjoni u mentoring. Il-programm ta' tahrìg konġunt se jjsfrutta l-kompetenzi komplimentarji tal-parteċipanti fin-netwerk, inklużi dawk mill-impriżi, kif ukoll sinerġiji oħra. Se jeh-tieġ l-għarfien reċiproku tal-kwalità tat-tahrìg u, jekk possibbli, ta' diplomi u ċertifikati oħra mogħtija.

Il-programm ta' tahrìg konġunt għandu jkun koerenti *ftermini* ta' standards ta' kwalità, b'arranġamenti xierqa sabiex jipprovdi superviżjoni u mentoring. Il-programm ta' tahrìg konġunt se jjsfrutta l-kompetenzi komplimentarji tal-parteċipanti fin-netwerk, inklużi dawk mill-impriżi, kif ukoll sinerġiji oħra. Se jeh-tieġ l-għarfien reċiproku tal-kwalità tat-tahrìg u, jekk possibbli, ta' diplomi u ċertifikati oħra mogħtija. **Għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-problemi ta' madwar l-impjeg fit-tul tar-riċerkaturi.**

Emenda 36

*Anness, Attivitajiet, Tahrìg inizzjali tar-riċerkaturi, paragrafu 5, bulit 2a (ġdid)*

- **il-possibilità li jitwaqqfu postijiet f'universitajiet għal perjodu limitat għal riċerkaturi li jaħdmu f'intrapriżi bl-intenzjoni li jissaħħu l-koperazzjoni bejn l-akkademju u n-negozju, u t-trasferiment ta' l-għarfien;**

Emenda 37

*Anness, Attivitajiet, Tahrìg inizzjali tar-riċerkaturi, paragrafu 5, bulits 3a u 3b (ġodda)*

- **attivitajiet li għandhom jintlaħqu b'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-iskop ta' tahrìg bikri ta' riċerkaturi;**
- **il-provvista ta' assistenza biex ikunu promossi pubblikazzjonijiet, studji u kotba minn riċerkaturi bil-għan li jinxtered l-għarfien u jkun appoġġjat l-iżvilupp teoretiku u xjentifiku tar-riċerkaturi.**

Emenda 38

*Anness, Attivitajiet, Tahrìg tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, paragrafu 2*

Ir-riċerkaturi li se jibbenefikaw minn din l-azzjoni għandhom jkollhom mill-inqas erba' snin ta' esperjenza fir-riċerka full-time; minkejja li l-azzjoni hija maħsuba għat-tahrìg matul il-ħajja jew l-iżvilupp fil-karriera, ġeneralment xorta waħda huwa mistenni li r-riċerkaturi jkollhom esperjenza f'karigi għolja.

Ir-riċerkaturi *indirizzati* minn din l-azzjoni għandhom **ikollhom** mill-inqas erba' snin **jew ekwivalenti**, esperjenza fir-riċerka full-time; *minħabba* li l-azzjoni hija maħsuba għat-tahrìg *tul il-ħajja* u l-iżvilupp fil-karriera, madankollu huwa mistenni li r-riċerkaturi jkollhom esperjenza f'karigi *aktar* għolja.

Emenda 39

*Anness, Attivitajiet, Tahrìg tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, paragrafu 4, bulit 2*

- Entitajiet oħra pubbliċi jew privati, fosthom organizzazzjonijiet kbar ta' riċerka, li jiffinanzjaw jew imexxu l-programmi tal-boroż ta' studju, jew b'mandat uffiċjali jew permezz ta' għarfien mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal aġenziji stabbiliti mill-gvernijiet taħt il-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, karitajiet eċċ.;
- Korpi oħra pubbliċi jew privati, fosthom organizzazzjonijiet kbar ta' riċerka, **universitajiet jew organizzazzjonijiet oħra** li jiffinanzjaw jew imexxu l-programmi tal-boroż ta' studju, jew b'mandat uffiċjali jew permezz ta' għarfien mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal aġenziji stabbiliti mill-gvernijiet taħt il-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, karitajiet, **intrapriżi b'koperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi** eċċ.;

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

## Emenda 40

*Anness, Attivitajiet, Taħriġ tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, paragrafu 6*

Inizjalment, iż-żewġ mezzi ta' implimentazzjoni se jitmexxew parallelament. Waqt il-Programm ta' Qafas, evalwazzjoni ta' l-impatt taż-żewġ mezzi se tiddetermina l-modalitajiet ta' implimentazzjoni għall-bqija tal-programm.

Inizjalment, iż-żewġ mezzi ta' implimentazzjoni se jitmexxew parallelament **permezz ta' modalità ta' ko-finanzjament, li tipprovdi fażi inizzjali mfassla biex tippermetti li dawn jittwettqu.** Waqt il-Programm ta' Qafas, evalwazzjoni ta' l-impatt taż-żewġ mezzi se tiddetermina l-modalitajiet ta' implimentazzjoni għall-bqija tal-programm.

## Emenda 41

*Anness, Attivitajiet, Sħubijiet u linji bejn l-industrija u l-akkademja, paragrafu 1*

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li tiftaħ u trawwem rotot dinamiċi bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika u l-intrapriżi kummerċjali privati, fosthom, b'mod partikolari l-SMEs, ibbażati fuq programmi ta' kooperazzjoni fuq terminu itwal b'potenzjal għoli għal żieda fit-taqsim ta' l-għarfien u l-komprensjoni reċiproka tad-diversi kuntesti kulturali u tad-diversi ħtiġijiet ftermini ta' kapaċità fiż-żewġ setturi.

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li tiftaħ u trawwem rotot dinamiċi bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika u l-intrapriżi kummerċjali privati, fosthom, b'mod partikolari l-SMEs, ibbażati fuq programmi ta' kooperazzjoni fuq terminu itwal b'potenzjal għoli għal żieda fit-tqassim ta' l-għerf u l-għarfien reċiproċi tad-diversi kuntesti kulturali u tad-diversi ħtiġijiet ftermini ta' kapaċità fiż-żewġ setturi. **L-azzjoni se tkun imfassla sabiex ma tilimitax il-mobilita' tar-riċerkaturi li qed jipparteċipaw, permezz ta' restrizzjonijiet fuq il-pubblikazzjoni ta' riżultati tar-riċerka jew fuq ħidma ta' intrapriża għal ċerti organizzazzjonijiet.**

## Emenda 42

*Anness, Attivitajiet, Sħubijiet u linji bejn l-industrija u l-akkademja, paragrafu 2 parti introduttorja*

Din l-azzjoni se tiġi implimentata fmod flessibbli permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet miż-żewġ setturi minn għallinqas żewġ Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti, b'finanzjament għall-interazzjonijiet fl-ambitu tar-riżorsi umani fi ħdan dak il-qafas. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja tista' tingħata f'waħda jew aktar minn waħda mill-forom li ġejjin:

Din l-azzjoni se tiġi implimentata b'mod flessibbli, **u se tibbaża fuq l-esperjenza miksuba minn sħubijiet eżistenti bejn l-industrija u l-akkademja madwar l-Unjoni Ewropea**, permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet miż-żewġ setturi minn għallinqas żewġ Stati Membri jew Stati assoċjati differenti, b'appoġġ għall-interazzjonijiet fil-qafas tar-riżorsi umani fi ħdan dak il-qafas. L-appoġġ finanzjarju Komunitarju jista' jingħata f'forma waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

## Emenda 43

*Anness, Attivitajiet, Sħubijiet u linji bejn l-industrija u l-akkademja, paragrafu 2, bulit 3a (ġdid)*

— **azzjonijiet biex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' raggruppamenti reġjonali instigati mir-riċerka.**

## Emenda 44

*Anness, Attivitajiet, Id-dimensjoni internazzjonali, paragrafu 1*

Waqt li d-dimensjoni internazzjonali hija rikonossuta bħala parti fundamentali tar-riżorsi umani fl-R&D fl-Ewropa, din id-dimensjoni hija indirizzata permezz ta' azzjonijiet ddedikati kemm ftermini ta' żvilupp fil-karriera tar-riċerkaturi Ewropej kif ukoll ftermini ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz tar-riċerkaturi.

Waqt li d-dimensjoni internazzjonali hija rikonossuta bħala parti fundamentali tar-riżorsi umani fl-R&D fl-Ewropa, din id-dimensjoni hija indirizzata permezz ta' azzjonijiet ddedikati kemm ftermini ta' żvilupp fil-karriera tar-riċerkaturi Ewropej kif ukoll ftermini ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz tar-riċerkaturi **fuq livell nazzjonali jew reġjonali.**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 45

*Anness, Attivitajiet, Id-dimensjoni internazzjonali, paragrafu 2, punti (i)*

- |   |  |
|---|--|
| <p>i) boroż ta' studju ta' riċerka internazzjonali lil hinn mill-Ewropa, bl-obbligu li jirritornaw, għar-riċerkaturi esperti fi ħdan il-qafas ta' taħriġ <i>matul il-ħajja</i> u diversifikazzjoni tal-kompetenzi, <b>għall-ksib ta' kapaċità</b> u għarfien ġodda;</p> | <p>i) boroż ta' studju li għadhom sejrjn li għandhom l-obbligu tar-ritorn <b>lura lejn l-Unjoni Ewropea</b>, għar-riċerkaturi b'esperjenza fi ħdan il-qafas ta' taħriġ <i>tul il-ħajja</i> u diversifikazzjoni tal-kompetenzi, <b>u għal riċerkaturi li għadhom fil-bidu</b>, sabiex <b>jgħinuhom biex jiksbu ħiliet</b> u għarfien ġodda.</p> |
|---|--|

Emenda 46

*Anness, Attivitajiet, Id-dimensjoni internazzjonali, paragrafu 2, punti (ii)*

- |   |  |
|---|--|
| <p>ii) għotja għar-ritorn u r-reintegrazzjoni fil-livell internazzjonali tar-riċerkaturi esperti wara esperjenza internazzjonali. Fl-ambitu ta' din l-azzjoni se jiġu ffinanzjati wkoll in-netwerking tar-riċerkaturi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati bil-ħsieb li jinżammu infurmati b'mod attiv dwar u involuti fl-iżviluppi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka.</p> | <p>ii) għotjiet <b>iffinanzjati b'mod adegwat</b> għar-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid fil-livell internazzjonali tar-riċerkaturi b'esperjenza <b>jew ta' dawk li għadhom fil-bidu</b> wara esperjenza internazzjonali. Fl-ambitu ta' din l-azzjoni se jiġu appoġġati wkoll in-netwerking tar-riċerkaturi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati bil-ħsieb li jinżammu infurmati b'mod attiv dwar u involuti fl-iżviluppi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, <b>kif ukoll incenċivi għar-ritorn ta' riċerkaturi bbażata barra mill-Ewropa.</b></p> |
|---|--|

Emenda 47

*Anness, Attivitajiet, Id-dimensjoni internazzjonali, paragrafu 3, punti (i)*

- |   |   |
|---|---|
| <p>i) boroż ta' studju internazzjonali ta' riċerka sabiex jattiraw riċerkaturi bi kwalifiki għolja mill-pajjiżi terzi lejn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, għat-tisħiħ ta' l-għarfien u għall-iżvilupp ta' kuntatti flivelli għolja. Riċerkaturi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw jew minn pajjiżi b'ekonomiji emerġenti jistgħu jibbenefikaw mill-finanzjament għall-fażi tar-ritorn. Se jiġi ffinanzjat ukoll in-netwerking tar-riċerkaturi mill-pajjiżi terzi fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati bil-ħsieb li jistrutturaw u jiżviluppaw il-kuntatti tagħhom mar-reġjuni ta' l-orijini rispettivi.</p> | <p>i) boroż ta' studju internazzjonali sabiex jattiraw riċerkaturi bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi lejn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, għat-tisħiħ ta' l-għerf u għall-iżvilupp ta' kuntatti flivelli għolja. Riċerkaturi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw jew minn pajjiżi b'ekonomiji emerġenti jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ għal fażi ta' ritorn. Se jiġu appoġġati wkoll in-netwerking tar-riċerkaturi mill-pajjiżi terzi fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati bil-ħsieb li jistrutturaw u jiżviluppaw il-kuntatti tagħhom mar-reġjuni ta' l-orijini rispettivi, <b>u se jiġu offruti incenċivi lil riċerkaturi tajbin fid-dinja kollha biex ikunu mħeġġa jgħixu fl-Ewropa.</b></p> |
|---|---|

Emenda 48

*Anness, Attivitajiet, Azzjonijiet Speċifiċi*

B'appoġġ għall-ħolqien ta' suq ta' xogħol Ewropew reali għar-riċerkaturi, hija prevista l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' miżuri ta' akkompanjament, bl-iskop li jitneħħa t-tfixkil għall-mobilità u favur it-tisħiħ tal-prospettivi tal-karriera tar-riċerkaturi fl-Ewropa. L-għan ta' dawn l-azzjonijiet, huwa li b'mod partikolari, iqajmu l-kuxjenza tal-partijiet interessati u tal-pubbliku ġenerali, biex jistimulaw u jsostnu l-azzjoni fil-livell ta' l-Istati Membri u fl-azzjonijiet kumulamentari tal-Komunità.

B'appoġġ għall-ħolqien ta' suq ta' xogħol Ewropew reali għar-riċerkaturi, hija prevista l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' miżuri ta' akkompanjament, bl-iskop li jitneħħa t-tfixkil għall-mobilità **professjonali, speċjalment dawk relatati mas-sigurta? soċjali u l-kwistjonijiet ta' taxxa, li ħafna drabi jkun ta' detriment biex jidħlu fil-qasam tar-riċerka,** u favur it-tisħiħ tal-prospettivi tal-karriera tar-riċerkaturi fl-Ewropa, **sabiex tkun aktar faċli biex jiġu rikonċiljati x-xogħol u l-ħajja tal-familja, mhux ta' l-anqas billi jippermettilhom li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' finanzjament u salarju adegwati kif ukoll minn arranġamenti ta' sigurta? soċjali.** L-għan ta' dawn l-azzjonijiet, huwa li b'mod partikolari, iqajmu l-kuxjenza tal-partijiet interessati u tal-pubbliku ġenerali, **inkluż permezz ta' għotjiet**

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

TEST PROPOST  
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

*“Marie Curie” biex jistimulaw u jsostnu l-azzjoni fil-livell ta' l-Istati Membri u fl-azzjonijiet kumplimentarji tal-Komunità. Barra minn hekk, se jkun hemm dispożizzjoni għal inizzjattivi Ewropej biex tkun faċilitata l-mobilita' ta' riċerkaturi u l-familiji tagħhom, u l-integrazzjoni tagħhom fil-pajjiżi ospitanti. L-inizzjattivi kollha' Marie Curie' għandhom jiggarrantixxu opportunitajiet ugwali u jeliminaw l-ostakoli kollha li jiffaċċjaw ħaddiema ta' riċerka b'diżabilita'.*

P6\_TA(2006)0519

### Programm Speċifiku “Ideat” (is-Seba' Programm ta' Qafas RTDD, 2007-2013) \*

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm speċifiku “Ideat” li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (COM(2005)0441 — C6-0382/2005 — 2005/0186(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0441)<sup>(1)</sup> u l-proposta emendata (COM(2005)0441/2)<sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 166 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0382/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0369/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.